# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 5 ta' April, 2016**

**Kawża Numru 4**

**Rik. Nru. 386/10JRM**

Diomede *sive* Amadeo **CASSAR**

vs

Professur Juanito **CAMILLERI** fil-kapaċita' tiegħu kemm bħala r-Rettur tal-Universita' ta' Malta u kif ukoll bħala ċ-*Chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina ta' l-Eżamijiet fi ħdan l-Universita' ta' Malta; u r-Reverendu Professur Saviour Chircop, fil-kapaċita' tiegħu bħala d-Direttur taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' April, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) tħassar, tannulla u tiddikjara bla effett id-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Eżamijiet tad-Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta mogħtija fl-20 ta' Jannar, 2010[1], fil-konfront tal-attur, u dan għaliex ittieħdet bi ksur tad-dispożizzjoni tal-Artiklu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'liema

[1] Fil-fatt, jidher li d-deċiżjoni kienet ittieħdet fis-7 ta' Jannar, 2010, u l-attur kien mgħarraf biha b'ittra tad-29 ta' Jannar, 2010

deċiżjoni l-imsemmi Bord sabu ħati li ressaq Proġett/Disserzjoni "li kienet plaġjarizzata"; (b) issib li ġew miksura d-drittijiet tal-attur skond l-istess Artikolu, u b'konsegwenza (i) tħassar kwalunkwe referenza fit-tagħrif akkademiku tal-attur fl-Universita' ta' Malta li bih huwa jidher jew jissemma bħala persuna li kkupjat xogħol ħaddieħor, u (ii) biex hu jerġa' jitpoġġa fid-drittijiet tiegħu bħal kull student ieħor reġistrat mal-Universita' ta' Malta, (iii) billi jitħalla jtemm il-kors ta' studju tiegħu, (iv) billi, bla ma jerġa' jitqiegħed taħt tehdid, diskriminazzjoni, abbuż jew xi għamla ta' pressjoni oħra, jingħata żmien, li l-Qorti jogħġobha tiffissa, biex jagħmel dawk it-tibdiliet meħtieġa fl-istudju tiegħu u jippreżenta dan l-istudju b'mod uffiċjali lill-Bord tal-Eżamijiet tal-Universita' ta' Malta, u (v) billi jitqiegħed f'pożizzjoni li jkunu riveduti u jew assenjati lilu dawk il-*units* ta' studju li ġie mċaħħad minnhom; (ċ) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħidma ta' perit maħtur minnha, id-danni li ġarrab jew li għad jista' jġarrab minħabba l-mod inġust u abbużiv li bih l-imħarrkin, jew min minnhom, imxew miegħu meta ressquh quddiem il-Bord tal-Eżamijiet tad-Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta u meta damu aktar minn sena biex taw id-deċiżjoni tagħhom bla ebda konsiderazzjonijiet legali, mistħoqqa u oġġettivi; u (d) tikkundanna lill-imħarrkin solidalment jew lil min minnhom biex iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-ħlas tal-imgħaxijiet legali;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' April, 2010[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-20 ta' Mejju, 2010, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (a) l-proċeduri huma nulli fil-konfront tal-imħarrek Reverendu Professur Saviour Chircop billi l-Universita' ta' Malta hija rappreżentata biss mir-Rettur u għaldaqstant l-imħarrek Chircop għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża; (b) it-talbiet attriċi qatt ma jistgħu jintlaqgħu peress illi t-talbiet ma jirreferux għalihom iżda għall-attur innifsu; (ċ) it-tieni talba taqa' 'l barra mill-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti għaliex l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti twettaq rimedju li bl-artikolu 79 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta jmissu jingħata mis-Senat tal-Universita' u mhux minn Qorti. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li (d) t-talbiet ma jirriflettux il-premessi peress illi minn imkien ma jirriżulta kif l-imħarrkin ġabu ruħhom lil hemm mis-setgħat taghhom. Wara li ikkontestaw xi fatti msemmijin mill-attur, qalu li d-dewmien fl-għoti tad-deċiżjoni min-naħa tal-Bord ġara minħabba l-imġiba tal-attur innifsu li, bil-ħsieb li jipprova jwaqqaf il-proċeduri dixxiplinari mnedija kontrih, ressaq talba fiergħa għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li l-Qorti ma laqgħetlux;

[2] Paġġ 14 – 15 tal-proċess

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Ġunju, 2010[3], li bih u b’riferenza għat-tieni eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imħarrkin, awtorizżat il-bidla f’parti mir-Rikors Maħluf;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta’ Ġunju, 2010, li bih u fid-dawl tal-provvediment li kien għadu kemm ingħata, l-imħarrkin irtiraw it-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa minnhom fir-risposta għar-Rikors Maħluf;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Gunju, 2010, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta’ April, 2014[4], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-10 ta’ Settembru 2014[5];

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-9 ta’ Diċembru, 2014[6], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta li l-imħarrkin Universita’ ta’ Malta u Reverendu Professur Saviour Chircop imxew lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilhom mil-liġi (‘*ultra vires*’) u għaldaqstant naqsu fil-konfront tiegħu meta, minn jeddhom, qiesu materjal mgħoddi lill-imħarrek Chircop li kien jagħmel mir-riċerka tiegħu bl-isem ‘*Advancing Media Education in Malta*’ bħala li kienet l-abbozz tat-teżi lesta mingħajr ma kien formalment ippreżentaha bħala tali huwa personalment, u meta

[3] Pag. 45 tal-process
[4] Pag. 592
[5] Pagg. 601-626 tal-process
[6] Pagg. 630-638 tal-process

ressquh quddiem il-Bord ta' Dixxiplina tal-Eżamijiet fuq ksur ta' regolamenti marbuta ma' plaġjariżmu[7], u meta nstab ħati ta' plaġjariżmu, u ma tħalliex jerġa' jgħaddi materjal ieħor liċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni. Huwa jrid li l-Qorti tħassar l-imsemmija deċiżjoni, tħassar kwalunkwe referenza fir-*records* tiegħu mal-Universita' imħarrka fejn jintwera li ikkopja xogħol ħaddieħor, u qiegħed jitlob li jerġa' jingħata d-drittijiet tiegħu bħala student mal-istess Unversita' imħarrka. L-attur qed jitlob ukoll il-ħlas tad-danni;

Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi, b'mod preliminari, qalu li (a) l-proċeduri fil-konfront tar-Reverendu Professur Saviour Chircop huma nulli peress illi l-Universita' mħarrka hija rappreżentata biss mir-Rettur, u għaldaqstant l-imħarrek Chircop għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża; (b) it-talbiet attriċi qatt ma jistgħu jintlaqgħu peress illi t-talbiet ma jirreferux għalihom iżda għall-attur innifsu; (ċ) it-tieni talba taqa' 'l barra mill-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti għaliex l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti twettaq rimedju li bl-artikolu 79 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta jmissu jingħata mis-Senat tal-Universita' u mhux minn Qorti. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li (d) t-talbiet ma jirriflettux il-premessi peress illi minn imkien ma jirriżulta kif l-imħarrkin ġabu ruħhom lil hemm mis-setgħat taghhom. Wara li ikkontestaw xi fatti msemmijin mill-attur, qalu li d-dewmien fl-għoti tad-deċiżjoni min-naħa tal-Bord ġara minħabba l-imġiba tal-attur innifsu li, bil-ħsieb li jipprova jwaqqaf il-proċeduri dixxiplinari mnedija kontrih, ressaq talba fiergħa għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li l-Qorti ma laqgħetlux;

Illi waqt l-ewwel smigħ, l-imħarrkin irtiraw it-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, wara li l-Qorti ordnat li jsir bdil fl-atti tar-Rikors Maħluf għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi bħala **fatti rilevanti illi joħorġu mill-atti** jirriżulta li l-attur beda l-istudju tiegħu fil-livell ta' *Masters* maċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni, fl-Universita' ta' Malta fis-sena 2005. Il-kors kien fuq bażi *part-time* u l-attur ħallas biex jirreġistra għalih. Huwa kellu jippreżenta t-teżi tiegħu sa mhux aktar tard mit-2 ta' April, 2007[8]. Huwa talab u ngħata żewġ estensjonijiet biex iressaq ix-xogħol tiegħu, waħda sas-16 ta'April, 2007[9], u l-oħra sas-16 ta' April, 2008[10]. Il-Fakulta' ħatret lill-imħarrek Reverendu Professur Saviour Chircop bħala tutur tal-attur;

[7] Li, fir-regolament 39(b)(i) tal-A.L. 274/09 (L.S. 327.88), huwa mfisser bħala "*l-użu ta' xogħol ta' ħaddieħor mingħajr rikonoxximent, bħala x-xogħol tagħhom, kemm jekk dan ix-xogħol ġie pubblikat jew le*"
[8] Pag. 216 tal-process
[9] Pag. 217 tal-process
[10] Pag. 278 tal-process

Illi minn żmien għal żmien l-attur kien jagħmel kuntatt mal-imħarrek Chircop u kienu wkoll iltaqgħu fejn iddiskutew ir-riċerka li kien beħsiebu jagħmel l-attur[11]. Fit-18 ta' Ġunju, 2008, l-attur bagħat *email* lill-imħarrek fejn bagħatlu kopja tar-riċerka li kien laħaq għamel sa dak iż-żmien, u talbu jeżaminahielu u jgħinu fejn meħtieġ. Għarrfu wkoll li kien baqagħlu jressaq l-appendiċi li kellu jkun mehmuż mat-teżi;

Illi fid-19 ta' Ġunju, 2008, l-imħarrek Chircop talab lill-attur biex jitbgħatlu l-materjal bħala '*word document'*, u biex jgħaddilu f'idejh kopja tal-istess[12];

Illi għal din it-talba, l-attur wieġeb permezz ta' *email* oħra li ġġib id-data tal-25 ta' Ġunju, 2008[13]. Huwa jirreferih għall-materjal mibgħut bħala '*final copy of my thesis'* u nfurmah wkoll illi l-materjal kien jonqsu li jiġi finalizżat fir-rigward tal-*formating* tiegħu. L-imħarrek Chircop qies dak il-materjal bħala l-aħħar verżjoni tar-riċerka magħmula mill-attur[14], filwaqt illi l-attur jgħid illi dan kien abbozz li kien għad irid jiġi finalizżat[15]: fost ħwejjeġ oħrajn, kien għad irid jieħu konsiderazzjoni ta' dak li kien rikjest minnu skond l-*APS Standards* li jinkludi, fost oħrajn, referenzi minn fejn ikun ittieħed il-materjal. L-attur jgħid li dwar dan ġibed l-attenzjoni tal-imħarrek Chircop f'*email* li bagħatlu fil-25 ta' Gunju 2008[16];

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Chircop jgħid illi kapitolu sħiħ mill-materjal ippreżentat mill-attur kien jikkonsisti f'materjal meħud kelma b'kelma minn xogħol ta' kittieb barrani, bla ma kien hemm l-anqas referenzi minn fejn ittieħed il-materjal, u l-attur ippreżenta dak il-materjal bħala li kien xogħol tiegħu[17]. L-imħarrek ma aċċettax l-istqarrija ta' l-attur illi l-materjal kien tabilħaqq tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa għaldaqstant offra lill-attur żewġ għażliet: jew li jirtira l-materjal u jwaqqaf l-istudji jew, fin-nuqqas, kien ser imexxi kontrih b'akkuża ta' plaġjariżmu[18];

Illi għal din l-għażla, l-attur jgħid li irrejaġixxa billi lill-imħarrek Chircop talbu jagħtih il-materjal lura. L-imħarrek irrifjuta li jagħmel dan. L-attur jgħid ukoll, illi l-parti li ngħad li kienet ikkupjata minn ħaddieħor kienet ilha li ngħatat lill-imħarrek sa minn Ottubru 2007 u li l-imħarrek f'dak iż-żmien kollu ma kienx ilmenta minnha[19];

[11] Pag. 129 tal-process
[12] Dok. "A" f'pagg. 9 – 10 tal-process
[13] Dok. "UOM 1", f'pag. 25 tal-process
[14] Pag. 135 tal-process
[15] Pag. 49 tal-process
[16] Xhieda tal-attur f'pag. 385 tal-process
[17] Xhieda tal-imħarrek Chircop f'pag. 364 tal-process
[18] Paġġ. 138 u 364 tal-process
[19] Affidavit tal-attur f'pag. 54 tal-process

Illi mill-provi ħareġ li, fis-17 ta' Frar tal-2009[20], l-attur ressaq tliet (3) ilmenti quddiem l-Ombudsman tal-Universita' ta' Malta, u minn stħarriġ illi għamel ħareġ ir-rapport tiegħu fit-2 ta' Ġunju, 2009, li fih u għar-raġunijiet hemm imfissrin ma sabx nuqqas fl-Universita' ta' Malta jew fit-tutur imqabbad biex jgħin lill-attur[21]. L-Ombudsman sab illi l-verżjoni tar-riċerka li ntbagħtet mill-attur lill-imħarrek Chircop fil-25 ta' Ġunju 2008 kienet l-aħħar verżjoni, u mhux abbozz. Sab ukoll li ma kienx hemm provi li l-Universita' ta' Malta u t-tutur ittrattaw lill-attur b'mod mhux ġust jew diskriminatorju;

Illi fl-20 ta' Lulju 2009[22], l-imħarrek Chircop bagħat jgħarraf lill-*Assessment Disciplinary Board* fi ħdan l-Uffiċċju tar-Reġistratur bix-xilja ta' plaġjariżmu mwettaq mill-attur. L-għada[23], l-attur intalab biex fl-24 ta' Lulju, 2009 jidher quddiem l-Bord tad-Dixxiplina ta' l-Eżamijiet biex iwieġeb għall-akkuza ta' plaġjariżmu. Fit-23 ta' Lulju, 2009, l-attur ippreżenta rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra r-Reġistratur, kontra l-Universita' u kontra l-Bord tad-Dixxiplina ta' l-Universita' ta' Malta sabiex iżomm milli jsir is-smigħ tal-każ tiegħu li kellu jinżamm fl-24 ta' Lulju. B'degriet mogħti fit-3 ta' Awwissu, 2009[24], il-Qorti ma laqgħetx it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-Bord tad-Dixxiplina ta' l-Universita' ta' Malta kompla jisma' l-każ tal-attur u b'deċiżjoni meħuda fis-7 ta' Jannar, 2010, wasal għall-fehma illi l-materjal imressaq mill-attur fil-25 ta' Ġunju, 2008 kien il-verżjoni finali tat-teżi tiegħu u li f'partijiet sostanzjali minnha kien iddaħħal materjal ta' ħaddieħor li l-attur għadda b'tiegħu. Huwa ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Bord fid-29 ta' Jannar 2010[25];

Illi minkejja dan, l-attur baqa' jsostni illi hu qatt ma awtoriżża lill-imħarrek sabiex iressaq f'ismu quddiem il-Bord tal-Eżamijiet il-materjal li kien għaddhielu u li ma kienx għadu mitmum. L-attur ipprotesta kontra dan l-aġir fil-15 ta' Marzu, 2010, permezz ta' protest ġudizzjarju[26];

Illi fis-19 ta' April, 2010, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**konsiderazzjonijiet legali**, jibda biex jingħad illi fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom, l-imħarrkin seħqu li din il-Qorti

[20] Ara dok f'paġġ. 298 sa 300 tal-proċess
[21] Paġġ. 307 – 316 tal-process
[22] Dok. "CS" f'pag. 160 tal-process
[23] Dok. "B" f'pag. 9 tal-process
[24] Dok "UOM3", f'paġ. 35 tal-proċess
[25] Dok. "D" f'pag. 13 tal-process
[26] Pag. 280 tal-process

ma għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża għaliex il-Bord tad-Dixxiplina tal-Universita' huwa tribunal amministrattiv skond l-artikolu 2 tal-Kap. 490 u għaldaqstant il-kwestjoni dwar jekk l-Bord mexiex b'mod korrett jew le mal-attur kellha titressaq u tinstema' mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf taħt l-Att tal-2007 dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (il-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi huwa magħruf li n-natura ta' azzjoni mressqa quddiem qorti tingħaraf minn dak li jintalab fiha[27], fid-dawl tal-premessi li jwasslu għal dak mitlub. Meta wieħed jara x'intalab fil-kawża li tressqet quddiem din il-Qorti, wieħed jifhem li l-attur qiegħed jorbot it-talbiet tiegħu ma' deċiżjoni meħuda mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Eżamijiet fuq allegat plaġjarizmu mwettaq mill-attur innifsu. L-attur qed jixli wkoll b'aġir skorrett lill-imħarrek Reverendu Professur Saviour Chircop fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni. B'tisħiħ ta' din il-kostatazzjoni, tajjeb jingħad li l-attur innifsu[28] jgħid li l-kawża mressqa minnu "tinqasam f'żewġ okkażjonijiet" li huwa jara (i) fl-atteġġament tal-imħarrek Professur Chircop u (ii) fil-mod kif mexa miegħu l-Bord tad-Dixxiplina tal-Eżamijiet, bil-ġrajjiet kollha jibdew b'seħħ mill-25 ta' Ġunju tal-2008, meta l-attur għadda lill-imħarrek Chircop il-materjal (abbozzat) tat-teżi li kien laħaq ħejja sa dakinhar;

Illi huwa prinċipju elementari imma fondamentali li meta titqanqal kontestazzjoni dwar jekk Qorti li quddiemha titressaq kawża għandhiex il-kompetenza li tismagħha, hija dik il-Qorti li għandha tistħarreġ u tiddeċiedi dwar eċċezzjoni bħal dik fl-aspetti kollha tagħha. Daqstant ieħor huwa prinċipju aċċettat li din il-Qorti, bħala Qorti ta' kompetenza ordinarja, għandha s-setgħa li tisma' u taqta' dwar kull kwestjoni ta' għamla ċivili sakemm is-setgħa dwar kwestjoni bħal dik ma tkunx ġiet mogħtija lil tribunal speċjali b'liġi apposta[29]. Jidher li din is-sottomissjoni tal-imħarrkin tintrabat mat-**tielet eċċezzjoni preliminari** tagħhom, għalkemm ikollu jingħad li tmur xi ftit lil hinn minnha. Dan jingħad għaliex filwaqt li l-eċċezzjoni msemmija tidher marbuta biss mat-tieni talba attriċi, is-sottomissjoni li saret fit-trattazzjoni tal-għeluq jidher li tolqot l-azzjoni attriċi kollha;

Illi madankollu, hija sottomissjoni li, trid jew ma tridx, din il-Qorti kellha tistħarreġ u tqis hekk kif tibda tqiegħed il-każ fl-għamla ta' azzjoni li l-attur għażel li jressaq quddiemha – jiġifieri azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk, waqt u

[27] App. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Cassar noe vs Victor Żammit***
[28] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 607 – 8 tal-proċess
[29] App. Inf. **28.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.iii.319**)

minħabba dak l-istħarriġ, tqum kwestjoni ta' ġurisdizzjoni jew ta' setgħa f'din il-Qorti li tikkunsidra l-każ, din il-Qorti tkun tista' wkoll minn rajha tqajjem il-kwestjoni ġurisdizzjonali;

Illi għalkemm il-Bord tad-Dixxiplina tal-Eżamijiet huwa tribunal ta' ġurisdizzjoni speċjali, din il-Qorti tibqa' t-tribunal ta' ġurisdizzjoni ġenerali u s-setgħat mogħtija lill-Bord iridu jitfissru b'mod ristrett bla twessigħ jew analoġiji[30]. Bħalma jingħad dejjem u mingħajr kontestazzjoni, it-tribunal speċjali għandu l-ġurisdizzjoni li tagħtih il-liġi li bis-saħħa tagħha huwa mwaqqaf, tista' tkun ġurisdizzjoni esklussiva, imma hija dejjem waħda li trid titwettaq fil-parametri stretti ta' dik l-istess liġi[31];

Illi ingħad ukoll li l-kwestjoni ta' ġurisdizzjoni ta' tribunal speċjali, limitata kif inhi bil-kompetenza speċifika li liġi speċjali tagħtih, hija kwestjoni ta' ordni pubbliku[32], u ma tistax tiġi deċiża fuq bażi ta' ekwita' jew konvenjenza[33]. Kemm hu hekk, il-liġi nfisha trid[34] li fejn ikun il-każ, Qorti li ma tkunx waħda ta' appell għandha minn jeddha *ex ufficio* tiddikjara li m'għandhiex kompetenza, ukoll jekk ma tkunx tqajmet eċċezzjoni quddiemha f'dan is-sens[35];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni attriċi hija maqsuma fi tnejn: l-ewwel waħda marbuta ma' għemil tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Eżamijiet; filwaqt li t-tieni huwa marbut ma' għemil tal-imħarrek Professur Chircop. Fir-rigward tal-ewwel għemil, għandu jingħad li l-Bord li minnu qed jilmenta l-attur huwa kostitwit u regolat b'liġi speċjali[36]. Il-Bord għandu, fost l-oħrajn, is-setgħa illi jtella' quddiemu student illi jkun mixli bi plaġjarizmu u hu mistenni jixmi ma' proċedura stabbilita fl-istess ligi[37]. Dan il-Bord huwa meqjus bħala tribunal amministrattiv taħt il-Kap. 490[38], u l-atti amministrattivi magħmula minnu jistgħu jiġu riveduti mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq punti ta' liġi u ta' fatt[39];

Illi b'"att amministrattiv", id-definizzjoni fil-Kap 490 tinkludi, fost oħrajn, il-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenzja, permess, *warrant*, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' talba magħmula

[30] Ara App. Inf. MCH **4.12.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Enriketta Bonniċi et vs Gordon Borġ***
[31] App. Inf. RCP **16.7.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. John Privitera noe vs Josephine Camilleri***
[32] App. Ċiv. **28.2.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Buġeja vs Giovanni Paċe*** (mhix pubblikata)
[33] App. Inf. **29.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima et vs Spagnol et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.1163**)
[34] Art. 774 tal-Kap 12
[35] P.A. JA **31.10.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs International Trading Co Ltd***
[36] **L.S. 327.82, illum abolita u s-setghat ta' dan il-Bord jinstabu fil-L.S. 327.88**
[37] Regolament 7 tal-L.S. 327.82
[38] Art. 2
[39] Art. 7 tal-Kap 490

minn membru tal-pubbliku. Ta' min jgħid li t-tifsira mogħtija f'dak l-Att qisha meħuda kelma b'kelma mit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" li tinsab fl-artikolu 469A(2) tal-Kap 12. Il-Kap 490 jiddefenixxi wkoll "awtorita' pubblika" bħala li tinkludi il-Gvern ta' Malta, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi[40]. Hawnhekk ukoll, ix-xebh bejn it-tifsira mogħtija fil-Kap 490 u dik mogħtija fl-artikolu 469A(2) huwa kbir. Din il-konsiderazzjoni sejra tkun ta' rilevanza kbira fil-konsiderazzjonijiet li l-Qorti sejra tagħmel minħabba s-sottomissjoni mqajma mill-imħarrkin;

Illi f'dan il-każ, l-att amministrattiv li l-attur qiegħed jimpunja hija deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju illi d-deċiżjoni li ħareġ il-Bord hija att amministrattiv fi kliem il-Kap. 490. Ma hemmx dubju wkoll illi l-Universita' ta' Malta hija korp mwaqqaf b'liġi. Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi kull deċiżjoni meħuda jew att li jsir mill-Universita' ta' Malta tikkostitwixxi att minn awtorita' pubblika għall-finijiet tal-Kap. 490;

Illi l-Qorti tagħraf ukoll illi t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva twaqqaf qabel ma nfetħet din il-kawża[41], u għaldaqstant din il-Qorti ma kinetx għadha ħadet konjizzjoni tat-tilwima miġjuba quddiemha[42];

Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-azzjoni tressqet kontra l-imħarrek Rettur kemm fil-kwalita' tiegħu ta' Rettur u kif ukoll bħala ċ-*chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Eżamijiet tal-Universita'[43];

Illi safejn ir-Rettur tħarrek bħala l-president tal-Bord, il-Qorti tqis li l-azzjoni attriċi hija immirata lejn dak il-Bord u mhux personalment lejn ir-Rettur imħarrek. Din il-konsiderazzjoni hija ta' siwi ewlieni f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi dan qiegħed jingħad għaliex huwa stabbilit li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba taħt l-artikolu 469A hija waħda mill-proċedimenti speċjali ta' azzjonijiet tal-Gvern li jitolbu l-ħarsien ta' kundizzjonijiet partikolari. Il-Qorti tifhem ukoll li l-istħarriġ li hija tagħmel jew tista' tintalab tagħmel ma jżommhiex milli tistħarreġ l-imġiba u s-siwi ta' deċiżjonijiet ta' tribunal maħluq bis-saħħa ta' xi liġi, liema jedd ilu

[40] Art. 2 tal-Kap 490
[41] Permezz tal-Att V tal-2007
[42] F'dan ir-rigward, ara Art. 7 tal-Kap 490
[43] Reg. 5 tal-A.L. 171 tal-1997 (L.S. 327.82) (imħassar u sostitwit b'A.L. 274/09, L.S. 327.88)

magħruf fis-sistema legali Malti[44], l-aktar fejn lill-parti mġarrba ma jingħatalhiex jedd ta' appell statutorju minn deċiżjonijiet ta' korp kważi-ġudizzjarju bħal dak[45]. Iżda din il-kompetenza "ġenerali" ma tgħoddx aktar meta lil dik il-parti mġarrba jingħatalha rimedju ieħor, imqar taħt liġi oħra;

Illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-leġislatur ma deherlux li kellu jħassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bħala għodda ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-amministrazzjoni pubblika. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stħarriġ u kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa jwettqu setgħat li jixxiebhu[46]. Iżda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-Att kostitutiv tiegħu espressament jagħnih bihom fit-Tielet Skeda tiegħu[47], u ma għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għemil ta' awtoritjiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' waħda residwali bħala garanzija aħħarija fejn il-persuna mġarrba ma jkollhiex rimedju ieħor ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju taħt xi liġi oħra jew quddiem xi tribunal ieħor;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti temmen li t-tifsira mogħtija lill-kliem "egħmil amministrattiv" fl-artikolu 469A(2) tal-Kap 12 ma kenitx maħsuba mil-leġislatur biex tgħodd fiha wkoll deċiżjonijiet ta' bord jew tribunal statutorju[48]. Mhux hekk biss, iżda jidher li hemm deċiżjonijiet li jgħidu li l-istħarriġ ta' s-siwi ta' deċiżjonijiet jew imġiba ta' bordijiet jew tribunali statutorji jaqa' għal kollox 'il barra mis-setgħat ta' din il-Qorti taħt azzjoni mibdija għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili[49];

Illi l-Bord tad-Dixxiplina tal-Eżamijiet huwa wieħed mill-bordijiet statutorji li jaqa' direttament fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skond il-Parti "b" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 490[50]. Minħabba f'hekk, din issir ċirkostanza oħra fejn id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12 ma jibqgħux jgħoddu aktar ladarba l-mod ta'

[44] Ara, per eżempju, P.A. **1.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe vs Anastasi Paċe noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.317**) u P.A. **29.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Bell McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.350**)
[45] P.A. **22.11.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Attard*** (Kollez. Vol: **XXXV.ii.514**)
[46] Ara art. 20(1) tal-Kap 490
[47] Art. 25(2) tal-Kap 490
[48] Ara App. Ċiv. **18.10.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Anthony P. Farruġia vs Kummissjoni Elettorali et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq***
[49] App. Ċiv. **19.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.***
[50] Ara reg. 2(2) tal-A.L. 349 tal-2008 (L.S. 490.03) u r-reg. 3(10)(j) tal-A.L. 350 tal-2008 (L.S. 490.04)

kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju jista' jingħata dwaru bis-saħħa ta' liġi oħra[51];

Illi dan kollu jwassal biex din il-Qorti tasal għall-fehma li hija m'għandhiex is-setgħa illi tistħarreġ dwar l-egħmil amministrattiv tal-Bord, u għaldaqstant m'għandhiex is-setgħa biex tiddeċiedi dwar it-talbiet imressqa mill-attur fil-konfront tal-imħarrek Rettur fil-kapaċita' tiegħu ta' Rettur tal-Universita' ta' Malta u *Chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Eżamijiet fi hdan l-Universita' ta' Malta;

Illi jibqa' għaldaqstant il-konsiderazzjoni li l-Qorti tqis it-tieni aġir illi ntalbet tistħarreġ, jiġifieri dak tal-imħarrek Chircop fil-kapaċita' tiegħu bħala Direttur taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni. F'dan ir-rigward, l-imħarrkin ressqu l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** fejn jgħidu illi l-imħarrek Chircop ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet attriċi. L-imħarrek jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta) li jwaqqaf l-Universita' ta' Malta u li jagħti r-rappreżentanza legali tal-Universita' f'idejn ir-Rettur;

Illi bil-liġi r-Rettur huwa responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Università, ikun il-president *ex officio* tas-Senat u tal-Bordijiet tal-Fakultajiet, u r-rappreżentanza legali tal-Università tkun vestita fih[52]. Dan il-punt diġa' tqajjem f'każijiet oħra u dejjem ġie rikonoxxut illi d-dispożizzjoni tal-liġi ma tagħti ebda lok għal interpretazzjoni oħra dwar min hu vestit bir-rappreżentanza legali ta' dik l-istituzzjoni[53] li tgawdi personalita' ġuridika skond l-artikolu 72A tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, u fil-qafas tal-għamla ta' azzjoni mressqa mill-attur, biex din l-eċċezzjoni tkun mistħarrġa kif imiss, wieħed irid jara jekk kemm-il darba l-imħarrek Chircop huwiex "awtorita' pubblika" jew jekk iċ-Ċentru li huwa r-ras tiegħu jaqax taħt it-tifsira ta' awtorita' bħal dik. L-azzjoni tal-attur hija dik tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv imwettaq minn awtorita' pubblika u dan sewwasew għaliex l-attur sejjes l-azzjoni tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kap 12 u dawk l-artikoli jirrigwardaw l-għemejjel amministrattivi mwettqa minn "awtorita' pubblika";

Illi l-Professur Chircop tħarrek bħala d-Direttur taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni. Skond ir-regolamenti li taħthom twaqqaf[54], iċ-

[51] Ara art. 469A(4) tal-Kap 12
[52] Art. 74(11) tal-Kap 327 tal-Ligijiet ta' Malta
[53] Ara P.A (RCP). **20.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephanie Dalli vs Dr Valerie Sollars et*** (mhix appellata); P.A. (N.C.), **22.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Denise Buttiġieġ vs. Rettur ta' l-Universita' et***
[54] Ara A.L. 68 tal-1992 (L.S. 327.27) (imħassrin b'A.L. 150 tal-2011)

Ċentru ma għandux personalita' ġuridika u lanqas iwettaq funzjonijiet pubbliċi jew iġorr xi awtorita' pubbblika f'dan ir-rigward. Is-setgħat tiegħu[55] kienu dawk ta' kisba jew forniment ta' materjal biex jintuża minn organi oħrajn tal-Universita' għat-tixrid u t-twettiq tat-tagħlim fil-qasam tal-istudji tal-Komunikazzjoni. Iċ-Ċentru wkoll kien jitmexxa minn Bord. L-istess Bord ma kellux setgħat li jiddeċiedi dwar kwestjonijiet imma biss li jfassal pjanijiet ta' ħidma biex iċ-Ċentru jilħaq l-għanijiet li għalihom twaqqaf, jara li jkun hemm tħaddim tajjeb tal-finanzi allokati liċ-Ċentru, u jikko-ordina l-ħidmiet ma' istituzzjonijiet Maltin u barranin biex jara li l-għanijiet taċ-Ċentru jintlaħqu[56];

Illi dan ifisser li la ċ-Ċentru u wisq anqas il-Bord li jmexxih ma huma 'awtorita' pubblika' fit-tifsira tal-kelma taħt l-artikolu 469A(2) tal-Kap 12. L-awtorita' pubblika tibqa' l-Universita' nnifisha;

Illi safejn imbagħad il-pretensjonijiet tal-attur dwar l-imħarrek Chircop personalment u bħala Direttur taċ-Ċentru jirrigwardaw id-deċiżjoni tiegħu li jgħaddi l-materjal mogħti lilu mill-attur lill-Bord tad-Dixxiplina tal-Eżamijiet, din ukoll ma taqax taħt attribuzzjoni ta' "għemil amministrattiv" kif imfisser fl-istess imsemmi artikolu, ladarba jikkostitwixxi ħaġa li tkun saret b'għan ta' amministrazzjoni (dixxiplinari) interna fi ħdan l-Universita'. Għalhekk, haġa bħal din ukoll taqa' 'l barra mis-setgħat ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-ilmenti tal-attur f'azzjoni taħt l-imsemmi artikolu 469A. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li hija ċirkostanza rilevanti li jingħad li mill-provi irriżulta li l-attur innifsu, fi Frar tal-2009, ressaq l-ilmenti tiegħu quddiem l-Ombudsman Universitarju. Dan ir-rimedju fittxu, b'kull jedd, għaliex qies li l-kwestjoni kienet waħda ta' amministrazzjoni interna bejnu bħala student u l-Universita' li magħha kien reġistrat;

Illi għaldaqstant peress illi l-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-imħarrek Chircop hija mistħoqqa, sejra teħilsu mill-osservanza tal-ġudizzju billi ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi ladarba l-Qorti waslet għal dawn il-fehmiet tagħha dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari msemmija, ma jifdal l-ebda raġuni li biha hija tista' tgħaddi biex tistħarreġ l-ilmenti tat-**talbiet attriċi fil-mertu** għaliex dan ma jġib l-ebda riżultat utli lill-attur ladarba l-ebda wieħed mill-imħarrkin, fil-kwalita' li taħtha tħarrku, ma huwa marbut li jwieġeb għal dawk l-ilmenti;

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi l-kawża billi:

[55] Skond reg. 2 tal-A.L. 68/92
[56] Reg. 3 tal-A.L. 68/92

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u teħles lill-imħarrek Reverendu Professur Saviour Chircop mill-osservanza tal-ġudizzju billi ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

**Tastjeni milli tqis aktar it-tieni eċċezzjoni preliminari** minħabba li l-imħarrkin irtirawha;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrek Professur Juanito Camilleri fil-kapaċita' tiegħu kemm bħala Rettur tal-Universita' ta' Malta u kif ukoll bħala ċ-*Chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina ta' l-Eżamijiet fi ħdan l-Universita' ta' Malta, u tiddikjara illi din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa biex tiddeċiedi dwar it-talbiet imressqa mill-attur kontra l-imsemmi mħarrek peress illi din is-setgħa hija bil-liġi mogħtija lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva';

**Tastjeni** milli tqis it-**talbiet attriċi fil-mertu**, fin-nuqqas ta' kontradittur leġittimu ieħor f'din il-kawża; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż** ta' din il-kawża.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**5 ta' April, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**5 ta' April, 2016**